MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 229/2014

**Lombard Bank Malta plc (C1607)**

**vs**

**Venues Company Limited (C27160)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat Lombard Bank Malta plc (C1607) datat 18 ta' Marzu 2014 fejn Philip Saliba I.D. Numru 596651(M) ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank attur bil-gurament tieghu jikkonferma : -

Illi fil-bejgh bl-irkant mizmum taht l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti fit-22 ta' Mejju 2012 (Subbasta Immobbli Numru 35/11) fl-ismijiet "Lombard Bank Malta plc (C1607) vs Venues Company Limited (C27160) gie definittivament liberat favur il-Bank attur il-fond li jgib l-isem "Villa Madama" fi Triq il-Birbal, Balzan ufficjalment enumerat bin-numru mija u sittin (160) flimkien mal-gnien anness b'entratura ulterjuri fi Triq Idmejda, Balzan, tiberu u frank minn cnus;

Illi minkejja tali liberazzjoni, is-socjeta' debitrici ezekutata, is-socjeta` konvenuta Venues Company Limited naqset milli tivvaka l-fond liberat favur il-Bank attur b'mod li llum qed tokkupah bla titolu;

Illi s-socjeta' konvenuta Venues Company Limited kienet is-sid tal-fond liberat favur il-Bank attur;

Illi permezz ta' ittra legali datata 5 ta' Marzu 2014, il-Bank attur talab lis-socjeta' konvenuta Venues Company Limited sabiex tikkonsenjalu l-pussess vakanti ta' l-imsemmi fond fit-terminu hemm indikat (Dok A);

Bhala fatt sallum il-Bank attur ghadu ma hax pussess ta' l-immobbli liberat favur tieghu kif premess, u ghalhekk irid li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata tizgombra mill-imsemmi fond sabiex dan l-istess fond jaqa' fil-pussess tal-Bank attur bhala liberu u vojt.

Id-dirigenti tal-Bank attur jafu personalment il-fatti hawn fuq esposti, u konfermati bil-gurament minn Philip Saliba, rapprezentant tal-istess Bank.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, il-Bank attur jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta, sabiex, f'terminu qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din il-Qorti, tizgombra u thalli liberu u vojt favur il-Bank attur il-fond Ii jgib l-isem "Villa Madama" fi Triq il-Birbal, Balzan ufficjalment enumerat bin-numru mija u sittin (160) flimkien mal-gnien anness b'entratura ulterjuri fi Triq ldmejda, Balzan, liberu u frank minn cnus liema fond l-istess socjeta` konvenuta qed tokkupah minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta, li d-diretturi ingunti ghas-subizzjoni taghhom; u b'rizerva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-Bank attur kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta' Mejju 2014.

Rat li l-Kumpanija intimata – Venus Company Ltd giet notifikata bir-rikors fit-12 ta’ April 2014 kif jidher *a tergo* ta’ fol 8 tal-process, u kif ukoll giet notifikata bl-avviz tas-smigh fil-11 ta’ April 2014 kif jidher a tergo ta’ fol 10 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Mejju 2014 fejn, meta ssejhet il-kawza, dehret Dr. Helen Said ghall-Bank rikorrent assistita mill-Avukat Rachael Bonello filwaqt li s-socjeta’ intimata, debitament notifikata, ma ipprezentatx Risposta Guramentata.

Semghet ix-xhieda ta’ Dr. Helen Said fejn ikkonfermat bil-gurament taghha li l-pussess tal-fond, cioe’ “Villa Madama" fi Triq il-Birbal, Balzan ufficjalment enumerat bin-numru mija u sittin (160) flimkien mal-gnien anness b'entratura ulterjuri fi Triq Idmejda, Balzan, mertu tal-kaz odjern, ghadu ma giex rilaxxjat favur il-Lombard Bank (Malta ) p.l.c., u dan minkejja li l-istess fond kien gie liberat favur il-Bank.

Il-kawza giet posposta ghas-setnenza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza ghall-izgumbrament ta’ debitur mill-Bank kreditur in segwitu aggudikazzjoni wara proceduri ghall-bejgh in subbasta li gew intavolati kontra l-istess debitur, li hija s-socjeta’ intimata odjerna.

Ikkonsidrat li s-socjeta` ***Venues Company Limited*** hija kontumaci u li r-rapprezentanta tal-Bank attrici kkonfermat li l-fatti li jirrizultaw mir-Rikors Guramentat ghadhom l-istess u li l-pussess tal-fond *Villa Madama* fi Triq il-Birbal, Balzan ufficjalment enumerat bin-numru mija u sittin (160) flimkien mal-gnien anness b'entratura ulterjuri fi Triq ldmejda, Balzan, mertu tal-kaz odjern, ghadu ma giex rilaxxjat favur il-Lombard Bank (Malta ) p.l.c.,

Ikkonsidrat li dan l-istess fond gie definittivament liberat favur il-Bank rikorrent fil-bejgh bl-irkant mizmum taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti fit-22 ta' Mejju 2012 (Subbasta lmmobbli Numru 35/11) fl-ismijiet "***Lombard Bank Malta plc (C1607) vs Venues Company Limited.”***

Fid-dawl tal-premess il-Qorti hija soddisfatta li t-talbiet tal-Bank rikorrent huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu milqugha.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi: -

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta, sabiex, fi zmien xahar millum liema perjodu qed jigi ffissat perentorjament, tizgombra u thalli liberu u vojt favur il-Bank attur il-fond li jgib l-isem *"Villa Madama"* fi Triq il-Birbal, Balzan ufficjalment enumerat bin-numru mija u sittin (160) flimkien mal-gnien anness b'entratura ulterjuri fi Triq ldmejda, Balzan, liberu u frank minn cnus liema fond l-istess socjeta` konvenuta qed tokkupah minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta’ intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------